MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1703/2001/1

**Gaetano u Mary konjugi Abdilla u Emanuel u Mansueta konjugi Abdilla.**

**v.**

**Lucrezio sive Grazio u Agnes konjugi Briffa.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Ottubru 2001, l-atturi ppremettew illi l-kontendenti ffirmaw konvenju datat 19 ta’ April 1994, redatt quddiem in-Nutar Dr. Joseph Lija rigwardanti bicca

art maghrufa bhala “Tal-Hmieri”, fil-kontrada tal-Hmiera fil-limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta’ cirka erbatax-il tomna versu l-prezz ta’ elfejn u hames mitt lira (Lm2,500) kull tomna u dan taht il-pattijiet u kondizzjonijiet elenkati fil-konvenju kopja ta’ liema konvenju gie esebit flimkien mac-citazzjoni bhala Dok A; illi l-atturi hallsu s-somma ta’ tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) liema somma thallset ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) fuq il-konvenju hamest elef lira Maltin (Lm5,000) fuq it-tigdid tat-12 ta’ Awissu 1994 u tlitt elef lira Maltin (Lm3,000) fuq it-tigdid ta’ l-1 ta’ Mejju 1996; illi dan il-konvenju kien jiskadi fid-19 ta’ April 1995 u gie mgedded mill-kontrajenti fi-12 ta’ Awissu 1994, fil-5 ta’ Mejju 1995 u fil-1 ta’ Mejju 1996; illi fil-31 ta’ Ottubru 1996 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali li biha interpellaw lill-konvenuti jersqu ghall-att finali; illi dan il-konvenju skada fl-1 ta’ Novembru 1996, u nonostante dan u nonostante li l-konvenuti kienu debitamenti interpellati sabiex jersqu ghall-att finali fuq il-bicca art fuq imsemmija, il-konvenuti baqghu inadempjenti; illi l-konvenuti xorta wahda ma resqux ghall-att finali u l-atturi, fit-terminu skond il-ligi, ipprocedew b’kawza li ggib citazzjoni numru 3352/96AJM fejn talbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti jersqu ghall-att finali fuq l-art in kwistjoni, talbu n-nomina ta’ nutar pubbliku biex jircievi l-att relattiv u talbu n-nomina ta’ kuraturi biex jirrappresentaw lill-konvenuti fuq l-att finali fl-eventwali kontumacja tal-konvenuti; illi fil-mori ta’ din il-kawza l-konvenuta pprezentat citazzjoni kontra l-attur u l-konvenut Lucrezio sive Grezio Briffa fejn wara illi ppremettiet illi meta l-konvenju *de quo* gie mgedded fl-1 ta’ Mejju 1996 gie mgedded mill-konvenut biss minghajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-konvenuta, talbet dikjarazzjoni illi l-konvenju kif imgedded fl-1 ta’ Mejju 1996 huwa null u bla effett. Din il-kawza kellha citazzjoni numru 1818/97RCP; illi din il-kawza giet deciza finalment mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001, b’sentenza li ddikjarat il-konvenju kif imgedded fl-1 ta’ Mejju 1996 huwa null u bla effett; illi waqt il-kawza citazzjoni numru 1818/97RCP irrizulta mill-provi illi filwaqt illi fid-digriet tal-konvenju tal-1 ta’ Mejju 1996 il-konvenut ddikjara illi kien verbalment awtorizzat minn martu l-konvenuta sabiex jidher fuq dak l-att, fil-fatt il-konvenuta ma kienitx awtorizzatu jaghmel hekk; illi minhabba f’dan l-atturi gew ingannati mill-konvenuti jew

min minnhom; illi a kawza ta’ dan il-qerq l-atturi sofrew danni kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza; illi in oltre l-konvenuti ghadhom ma rrifondewx lill-atturi d-depositu ta’ tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) imhallas fuq il-konvenju in kwistjoni – dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:
"1) Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti jew min minnhom meta gie mgedded il-konvenju fl-1 ta’ Mejju 1996 kien wiehed frawdolenti.

"2) Tiddikjara illi l-atturi sofrew danni.

"3) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

"4) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas is-somma likwidata ai fini tat-tielet talba.

"5) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirrifondi d-depositu ta’ tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) imhallsa mill-konvenuti bhala depositu kif hawn fuq premess bl-imghax mid-data ta’ meta gew imhallsa.

"Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni."

B’nota pprezentata fis-17 ta’ Dicembru 2001, l-konvenuti eccepew:-
1) Il-*lis alibi pendens* a tenur ta’ l-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi kif jippremettu l-istess atturi fic-citazzjoni odjerna, ghadha pedenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, il-kawza konnessa ma din il-kawza fl-istess ismijiet li ggib ic-citazzjoni numru 3352/96 AJM li marret “sine die” fit-8 ta’ Mejju, 1998 pendenti l-ezitu tal-kawza 1818/97 RCP fl-ismijiet “Agnes Briffa vs Lucrezio Briffa et” li ghaddiet in gudikat b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 2001.

2) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li mhux minnu illi:

(i) l-agir tal-konvenuti meta gie mgedded il-konvenju in kwistjoni fl-1 ta' Mejju, 1996 kien wiehed frawdolenti.

(ii) L-atturi soffrew xi danni kif qed jigi allegat fic-citazzjoni.

3) Illi fir-rigward tal-hames talba attrici l-eccipjent Lucrezio sive Grazio Briffa jammetti li ghandu jirrifondi d-depozitu ta' tmintax il-elf lira Maltin (LM18,000).

Il-konvenuti pprezentaw **kontro-talba** fejn ippremettew illi meta sar il-konvenju datat 19 ta' April, 1994 redatt quddiem in-Nutar Joseph Lia rigwardanti art mertu ta' din il-kawza maghrufa bhala "Tal Hmieri", il-konvenuti kienu ghaddew ic-cwievet tax-xatba li taghti access ghall-istess art lill-atturi, li bdew jokkupaw l-istess art, u liema konvenju sussegwentement skada fl-1 ta' Mejju 1996 u ma giex imgedded; illi l-istess atturi rikonvenuti okkupaw din l-art mill-1 ta' Mejju 1996 sal-10 ta' Marzu 1999, id-data li fiha rritornaw lura c-cwievet ta' l-art imsemmija lill-konvenuti rikonvenjenti, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u dana b'dannu ghall-konvenuti rikonvenjenti, kif ukoll ghamlu qliegh ta' madwar tlett mija u hamsin lira Maltin (LM350) fis-sena ghal kull sena li damu jokkupaw din l-art, billi zerghu qamh fuq din l-imsemmija art; illi l-atturi rikonvenuti kkagunaw tul l-okkupazzjoni taghhom danni ohra lill-konvenuti rikonvenjenti billi dawn ma kkultivawx is-sigar tac-citru u tal-frott irqiq li kienu jinsabu fuq din l-istess bicca art, bil-konsegwenza li dawn is-sigar, li jammontaw ghal aktar minn tletin sigra bil-valur ta' cirka tlettin lira Maltin (Lm30) il-wahda, mietu, liema hsara ghalhekk tammonta ghal aktar minn disa' mitt lira Maltin (LM900); u billi wkoll l-atturi rikonvenuti hadu zewg bajliet tal-konkos, proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti li kienu jinsabu fl-art imsemmija, liema zewg bajliet ghandhom valur ta' mitejn lira Maltin (LM200); liema danni komplessivament ghalhekk jammontaw ghal elf u mitt lira Maltin (LM1,100) – dan premess il-konvenuti rikonvenjenti talbu li dik il-Qorti:

1) Tiddikjara li l-atturi rikonvenuti okkupaw l-imsemmija art mil-1 ta' Mejju 1996 sal-10 ta' Marzu 1999

minghajr ebda titolu validu fil-ligi u ghamlu qliegh minnha kif hawn fuq spjegat.

2) Tillikwida ghalhekk id-danni sofferti mill-konvenuti rikonvenjenti minhabba din l-okkupazzjoni ta' l-atturi rikonvenuti u tikkundanna lill-atturi rikonvenuti jhallsu s-somma hekk kif likwidata lill-konvenuti rikonvenjenti.

3) Tiddikjara li l-konvenuti sofrew danni fis-somma ta' elf u mitt lira Maltin (LM1,100) kif hawn fuq spjegat.

4) Tikkundanna lill-atturi rikonvenuti ihallsu lill-konvenuti rikonvenjenti s-somma ta' elf u mitt lira Maltin (LM1,100) dovuta kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-atturi rikonvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.
B'nota tal-eccezzjonijiet tal-14 ta' Jannar 2002, l-atturi eccepew:
1) Illi qabel xejn l-inkompetenza *ratione valoris.*

2) Il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 peress illi parti ta' l-ghalqa in kwistjoni kienet fil-pussess ta' l-atturi biss f'Novembru 1994 sa Mejju 1995.

3) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi ma gew ikkawzati l-ebda danni mill-atturi. Jekk gew ikkawzati xi danni dawn gew kawzati lill-atturi minhabba agir zleali u frawdolenti mill-konvenuti kif ser jigi ampjament spjegat waqt is-smigh u trattazzjoni ta' din il-kawza.

4) Illi mhu veru xejn illi l-atturi hadu zewg bajli tal-konkos.

Illi b'nota ta' l-eccezzjonijet ulterjuri presentata mill-konvenuti fit-3 ta' Dicembru, 2004 dawn eccepew ulterjorment:
1) Illi t-talba attrici ghad-danni allegatament sofferti minnhom in segwitu ghall-iffirmar tal-konvenju datat 26 ta' Novembru 1994 mat-terz Silvio Buttigieg ghan-nom ta'

Silved Developments Limited, hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li fil-konvenju originali ffirmat bejn il-kontendenti u datat 19 ta' April 1994, l-atturi ma rriservawx id-dritt li jittrasferixxu d-drittijiet taghhom naxxenti mill-konvenju lill-terzi persuni. Kien biss meta sar l-ahhar tigdid tal-konvenju fl-1 ta' Mejju 1996 li l-atturi rriservaw dan id-dritt u ghalhekk fil-konfront ta' l-eccipjenti din it-talba attrici ghad-danni naxxenti mill-konvenju datat 26 ta' Novembru 1994 hi legalment insostenibbli.

2) Illi t-talba attrici ghad-danni ta' erbat elef sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM4,692.72c) riferibbilment ghall-ispejjez tal-kawza fl-ismijiet "Agnes Briffa vs Lucrezio sive Grazio Briffa et" (Citaz nmru 1818/79) deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, hija legalment insostenibbli u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li dawn l-ispejjez ma jinkwadrawx ruhhom bhala danni u lanqas ma jistghu jigu reklamati minghand l-eccipjenti, peress li kellhom jigu sopportati mill-atturi talli "*ma mxewx konformement mal-ligi*."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tat-30 ta' Jannar, 2006 meta ddecidiet hekk:
"*Il-Qorti ghalhekk fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha taghhom u tilqa' t-talbiet attrici billi;*

*1, tiddikjara li l-konvenuti agixxew bi frodi fil-konfront tal-atturi fit-tigdid tal-konvenju;*

*2. tiddikjara l-konvenuti sofrew danni;*

*3. tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' ghaxart elef, mitejn u tlieta u erbghin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm10,243.97);*

*4. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu din is-somma lill-atturi;*

*5. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) bhala bilanc tad-depositu mhallas billi sar pagament parzjali fil-mori tal-kawza;*

*Bl-ispejjes tal-kawza u imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament;*

*Fir-rigward tal-kontro-talba l-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-atturi u tichadha, bl-ispejjes ukoll jithallsu mill-konvenuti.*"

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-isfond ta' din il-kawza huwa wiehed ikkomplikat mhux hazin. Il-partijiet kienu dahlu fi ftehim ta' promessa ta' bejgh (konvenju) fid-19 ta' April, 1994. Dan gie mgedded diversi drabi izda meta gie mgedded f'Mejju 1996 dan sar minghajr il-kunsens tal-konvenuta. Meta saret il-kawza mill-atturi biex jigi esegwit il-konvenju, il-konvenuta fethet kawza biex tiddikjara skadut il-konvenju stante li t-tigdid ta' Mejju 1996 kien minghajr il-kunsens taghha. Il-Qorti ta' l-Appell akkoljiet it-talba taghha. L-atturi allura, fethu din il-kawza biex jitolbu d-danni minghand il-konvenut minhabba l-ksur tal-obligazzjonijiet tal-konvenju min-naha tieghu. Il-konvenuti qed jipproponu l-kontro-talba msemmija.

"L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija dik ta' *lis alibi pendens* izda huwa facilment konstatabbli illi din ma ghandhiex tigi milqugha; l-ewwelnett ghalkemm il-partijiet jaqblu li l-atturi kienu fethu kawza biex jigi esegwit il-konvenju ma saret ebda prova ohra quddiem din il-Qorti ta' l-esistenza ta' din il-kawza. Barra minn hekk pero` u iktar importanti dik il-kawza giet newtralizzata kompletament bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li ddikjarat il-konvenju skadut. Ghalhekk ma hemmx lok li dik il-kawza titkompla ghaliex waqghet il-bazi li fuqu nfethet.

"Il-konvenuti qed jeccepixxu wkoll li ma kkomettew ebda frodi. Huwa veru li ma hemmx bzonn ta' frodi biex wiehed ikun responsabbli ghad-danni. Dan ghaliex a bazi ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili illi *kull wiehed iwiegeb ghall-*

*hsara li ssir bi htija tieghu*. L-Artikolu 1033 jghid imbaghad illi *kull min jonqos milli jaghmel xi obbligu li ghandu skond il-ligi, hu obbligat ghal hsara li tigri minhabba f'hekk*.

"Madankollu ladarba l-atturi indikaw il-frodi fic-citazzjoni taghhom din trid tigi provata. Il-Qorti taqbel ma' dak li indikaw l-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom illi l-atturi gew indotti fi zball bl-agir suspettuz tal-konvenut meta huwa ddikjara li qed jiffirma anke ghal martu fl-estensjoni tal-konvenju ta' Mejju 1996. Ghall-atturi l-konvenju kien ghadu haj; fil-frattemp meta wasal iz-zmien li jsir il-kuntratt il-konvenuti helsu minnu b'dan l-agir illi certament sar biex iqarraq bl-atturi. Ic-citazjoni mis-sentenza <u>Zammit vs Farrugia nomine</u> (Appell Kummercjali - 31 ta' Marzu, 1967) hija f'waqtha u applikabbli f'dan il-kaz. Jekk dakinhar kellu xi problema dwar it-termini tal-konvenju kien messu qajjimhom u mhux jinduci lill-atturi jahsbu li kollox kien ghadu sew. Fil-kontro-ezami tieghu hu ammetta illi jaf li ma jistax jiffirma ghal martu. Ghalhekk fis-sens tad-dritt civili, il-konvenut ikkometta frodi a skapitu ta' l-atturi u ghandu jkun tenut responsabbli ghad-danni.

**"KOMPUTAZZJONI TAD-DANNI**

"L-atturi qed jitolbu diversi danni li fil-fehma tal-Qorti mhux kollha gustifikati. Per ezempju ma jistax jitlob rifuzjoni ta' l-ispejjez tal-kawza gia` deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet inversi ghas-semplici raguni *illi dawn l-ispejjes gia' gew decizi minn dik il-Qorti u din il-Qorti ma tistax titfa' fuq haddiehor dawn l-ispejjez.* Il-Qorti assolutament ma tistax tifhem ir-ragunament ta' l-atturi f'dan ir-rigward u certament m'hix ser takkorda dawn l-ispejjez.

"Hemm imbaghad it-telf tal-kapparra minn konvenju li kienu ghamlu fuq l-istess proprjeta`. Anke hawn ghandhom ragun il-konvenuti fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghom illi fuq il-konvenju originali l-atturi qatt ma kellhom id-dritt icedu d-drittijiet taghhom fuq l-istess konvenju lil terzi; dan id-dritt tnizzel l-ewwel draba appuntu fit-3 ta' Mejju 1996, fl-estensjoni li saret dakinhar. Din l-estensjoni giet dikjarata nulla mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza citata tal-5 ta' Ottubru, 2001. *Quod nullum*

*est nullum effectum producit* u ghalhekk dik l-estensjoni ma kellha ebda effett u allura l-atturi qatt ma kellhom id-dritt li jcedu d-drittijiet taghhom ta' kompraturi lil haddiehor. Kwindi ma jistghux la jippretendu rifuzjoni tal-kapparra u lanqas danni konsistenti f'xi qligh illi setghu jaghmlu bil-bejgh tal-proprjeta' ladarba din qatt ma setghet issehh. Meta dahlu f'negozju ulterjuri fuq il-proprjeta' soggetta ghall-konvenju, kienu jafu illi qed jidhlu f'riskju u dan ma jistghux jaddossawh issa fuq il-konvenuti.

"L-atturi pero` ghandhom certament id-dritt ta' rifuzjoni tal-hlas li ghamlu akkont u cioe` it-tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) li hallsu akkont tal-prezz. L-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili infatti jaghmilha cara li d-danni li ghandhom jithallsu in konsegwenza ta' nuqqas ta' esekuzzjoni ta' obbligazzjoni *huma t-telf li jkun bata l-kreditur u l-qligh li jkun gie mtellef.* Minn dawn it-tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) thallsu fil-mori tal-kawza erbatax-il elf Lira Maltin (Lm14,000) ezattament fit-13 ta' Marzu, 2002 (Dok LB2 - fol 125). Pero` l-atturi ghandhom dritt jithallsu l-imghaxijiet fuq dak li hallsu, barra l-bilanc ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Fil-fatt huma hallsu ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) fuq il-konvenju, hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) ohra f'Awissu 1994 u elfejn Lira Maltin (Lm2,000) tlett xhur wara. Elf Lira Maltin (Lm1,000) ohra thallsu fl-1 ta' Lulju, 1995. Sa Marzu 2002 ma sar ebda pagament kwindi l-konvenuti ghandhom ihallsu in linea ta' danni, imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fuq dan il-perjodu (Artikolu 1047 tal-Kodici Civili); u dan jammonta ghal tmint elef, disa' mija, sebgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm8,977.31). Billi mit-13 ta' Marzu, 2002 baqghu dovuti s-somma ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) irid jithallas ukoll imghax ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tas-sentenza u dan jammonta ghal elf, mitejn, sitta u sittin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,266.66) li ghandu jizdied mad-danni konsistenti fl-imghaxijiet li jammontaw ghalhekk ghal ghaxart elef, mitejn, tlieta u erbghin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm10,243.97). Ma' dawn iridu jigu rifuzi l-erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) bilanc.

**"KONTRO-TALBA**

“Dwar il-kontro-talba ma tantx hemm wisq x’wiehed jghid. L-atturi qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u din l-eccezzjoni tidher anke *prima facie* proponibbli. Infatti anke jekk wiehed jemmen ghal kollox lill-konvenut li l-atturi baqghu jokkupaw l-art sa l-10 ta’ Marzu 1999, kien biss meta l-atturi stitwew din il-kawza u allura l-konvenuti pproponew il-kontro-talba illi huma avvanzaw it-talba taghhom u dan sar fl-14 ta’ Dicembru, 2001 (fol 38). Billi t-talbiet kollha taghhom huma ghad-danni dawn jaqghu kjarament fil-parametru tal-Artikolu 2153 imsemmi mill-atturi u kwindi t-talba taghhom hija preskritta.

“Ladarba ser tigi milqugha din l-eccezzjoni mhux il-kaz li wiehed jidhol fil-mertu tat-talba u lanqas jinvestiga l-eccezzjonijiet l-ohra.”

**L-appell ta’ l-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u b’rikors intavolat fl-20 ta’ Frar 2006 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn laqghet l-ewwel zewg talbiet tac-citazzjoni u f’dik il-parti fejn cahdet it-talbiet rikonvenzjonali, thassar u tirrevoka dik il-parti ta’ l-istess sentenza fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u fejn illikwidat id-danni u konsegwentement, prevja cahda ta’ l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, terga’ tillikwida d-danni u:-
a) izzid bhala danni l-LM10,000 mhallsa mill-atturi lil Silvio Buttigieg u LM10,000 ohra rappresentanti telf ta’ qliegh kif spjegat fir-rikors ta’ l-appell fl-ewwel aggravju, flimkien ma l-imghax relattiv,

b) bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 1855 tal-Kap 16, tqis dak imhallas mill-konvenuti lill-atturi appellanti bhala akkont ta’ l-imghax u mhux mill-kapital u tikkalkula l-bilanc li ghadu dovut u l-imghax li hu dovut b’dan il-mod u

c) fi kwalunkwe kaz, tikkalkula korrettement l-imghax dovut lill-atturi appellanti kif spjegat fit-tielet aggravju.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**Ikkunsidrat:**

B'dawn il-proceduri l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jigu kundannati jirrifondu depozitu li kien thallas fuq konvenju ghall-bejgh ta' art fil-limiti tas-Siggiewi li gie iffirmat fid-19 ta' April, 1994 billi t-trasferiment ma sehhx, kif ukoll li jigu likwidati d-danni sofferti minnhom minhabba agir frawdolenti da parti tal-istess konvenuti u l-konsegwenti kundanna ghall-hlas ta' l-istess.

Il-fatti li taw lok ghal kawza kienu s-segwenti:
a) fid-19 ta' April 1994, il-kontendenti kienu ffirmaw konvenju quddiem in-Nutar Joseph Lia sabiex il-konvenuti jbieghu lill-atturi cirka 14 tomna art fil-limiti tas-Siggiewi bil-prezz ta' LM2,500 it-tomna liema estensjoni kellha tigi accertata wara li ssir pjanta minn perit.

b) Fl-okkazzjoni ta' l-iffirmar tal-konvenju l-atturi hallsu s-somma ta' LM10,000 bhala depositu u sussegwentement thallsu s-somom ta' LM5,000 u LM3,000, l-ewwel ammont thallas fit-12 ta' Awissu 1994, mentri l-ahhar ammont thallas fl-1 ta' Mejju, 1996.

c) Il-konvenju jidher li gie imgedded ghal sena b'effett mill-5 ta' Mejju 1995, u ghal sitt xhur ohra fl-1 ta' Mejju, 1996. Gara pero` li ghalkemm fl-ewwel estensjoni mart il-konvenut, u cioe` Agnes Briffa, kienet prezenti u ffirmat it-tigdid, fit-tieni okkazzjoni, dik ta' l-1 ta' Mejju 1996, meta giet ukoll introdotta kundizzjoni ohra fis-sens li l-kompraturi kellhom id-dritt li jittrasferixxu d-drittijiet taghhom lil terzi, l-istess Agnes Briffa ma kinitx prezenti u zewgha ddikjara li kien qed jidher ghan-nom taghha ukoll, *kif verbalment awtorizzat*.

d) Fil-pendenza tal-konvenju fuq imsemmi u precizament fis-26 ta' Novembru 1994, l-atturi kienu ntrabtu b'konvenju iehor ma certu Silvio Buttigieg ghan-nom ta' Silved Developments Limited in konnessjoni mal-bejgh lilu ta' l-art fil-limiti tas-Siggiewi u cioe` l-art li huma

kienu ser jakkwistaw minghand il-konvenuti. Dwar l-arrangament li kien hemm bejn il-kontendenti u cioe` li l-atturi kellhom biss konvenju mal-konvenuti ghall-akkwist ta' l-art mweghda lil Buttigieg, ma issemma' xejn. Fuq dak il-konvenju gie stipulat prezz ta' LM3,500 it-tomna u thallset kapparra ta' LM12,000 mill-istess Silved Developments Ltd.

e) Meta kien ser jiskadi l-konvenju tad-19 ta' April 1994, il-konvenuti ma ressqux ghall-kuntratt finali ta' trasferiment u ghalhekk l-atturi istitwew proceduri biex jigi finalizzat il-bejgh. Pero`, fil-mori ta' dawk il-proceduri, il-konvenuta Agnes Briffa bdiet proceduri kontra l-atturi odjerni u kontra l-istess zewgha sabiex jigi dikjarat gudizjarment li t-tigdid tal-konvenju tad-19 ta' April 1994, li kien sehh fl-1 ta' Mejju 1996, kien null u bla effett stante li dan kien sar minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni taghha.

f) Il-proceduri istitwiti minn Agnes Briffa [Citaz. Nru. 1818/97] gew determinati finalment b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, moghtija fil-5 ta' Ottubru 2001, meta s-sentenza tal-Qorti ta' prim istanza li kienet laqghet it-talbiet attrici fis-sens li t-tigdid tal-1 ta' Mejju 1996, kien null u bla effett, giet ikkonfermata.

g) Minhabba s-sentenza imsemmija, gialadarba l-konvenju tat-12 ta' April 1994, gie dikjarat mhux aktar effettiv, l-atturi ma setghux aktar jonoraw il-konvenju li huma kellhom ma Silved Developments Limited u ghalhekk giet transatta l-vertenza ta' bejniethom permezz ta' skrittura tas-17 ta' Ottubru 2001, billi l-atturi odjerni obbligaw ruhhom li jirrifondu lill-istess Silved Developments Ltd il-kapparra ta' LM12,000 u inoltre jhallsu s-somma ta' LM10,000 mifthiema bejniethom minflok ammont daqstant il-kapparra.

h) Wara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2001, l-attur kien ressaq rapport quddiem it-taqsima tal-frodi tal-Pulizija kontra Grezzju Briffa u dan, fil-mori ta' dawn il-proceduri, u sabiex ma jitkomplewx il-proceduri kriminali kontrih, kien offra li jhallas lura lill-attur

LM14,000 mid-depositu li kellu f'idejh. Din l-offerta giet accettata u l-pagament sar fit-13 ta' Mejju, 2002. Fl-affidavit ta' l-attur [fol 59 et seq] dan ighid li "*Jien accettajt biex ghal menu niehu dawn il-flus.*"

**Ikkunsidrat:**

L-appell li jinsab quddiem din il-Qorti gie intavolat biss mill-atturi billi l-konvenuti, ghalkemm sokkombenti sew fit-talba principali sew f'dak li jikkoncerna l-kontro-talba intavolata minnhom, ma ressqu ebda appell. L-atturi infatti ressaq dan l-appell billi mhux sodisfatti bil-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat d-danni, u dan kif ser jigi kunsidrat hawn taht.

**a) Danni rizultanti minn nuqqas ta' bejgh lil Silved Developments Ltd.**

L-atturi qed isostnu li l-ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta laqghet l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti meta ddikjarat li fuq il-konvenju ta' 19 ta' April 1994, l-atturi qatt ma kellhom "*id-dritt li icedu d-drittijiet taghhom fuq l-istess konvenju lil terzi*" billi dak id-dritt li inghata l-ewwel darba meta sehhet l-estensjoni tal-1 ta' Mejju 1996, ma kienx jezisti gialadarba dik l-estensjoni kienet giet dikjarata nulla u bla effett. Fuq din il-premessa l-ewwel Qorti kkonkludiet li "*Kwindi ma jistghux* [l-atturi] *la jippretendu rifuzjoni tal-kapparra u lanqas danni konsistenti f'xi qligh illi setghu jaghmlu bil-bejgh tal-proprjeta` la darba din qatt ma setghet issehh.*" Dik il-Qorti fir-rigward kompliet tghid hekk: "*Meta dahlu f'negozju ulterjuri fuq il-proprjeta` soggetta ghall-konvenju, kienu jafu illi qed jidhlu f'riskju u ma jistghux jaddossawh issa fuq il-konvenuti*."

Din il-Qorti, ezaminati l-atti, l-artikoli relevanti tal-Kodici Civili, kif ukoll in vista tal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-frodi perpetrata mill-konvenuti, ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Infatti fil-kaz in ezami mhux qed nitkellmu dwar "*cessjoni ta' drittijiet*" hekk kif kontemplati fl-Artikolu 1469 *et sequitur* tal-Kodici Civili. Kieku sar hekk ir-relazzjoni ma kinitx

tibqa’ bejn l-atturi u l-konvenuti izda kienet tidhol bhala akkwirenti s-socjeta’ Silved Developments Limited billi din is-socjeta` kienet, *ipso jure*, takkwista il-jedd li tixtri hekk kif isir il-ftehim ta’ cessjoni bejnha u l-atturi odjerni u din is-socjeta` kienet tkun intitolata li tipprova tenforza d-drittijiet fuq il-konvenju tad-19 ta’ April 1994, li issa kienu ceduti lilha.

Fil-kaz in ezami izda jirrizulta li l-atturi, *qua* akkwirenti fuq il-konvenju in kwistjoni, semplicement dahlu f’konvenju iehor ghall-bejgh ta’ l-istess art lis-socjeta` Silved Developments Ltd minghajr ma saret referenza ghal fatt li dik l-art ma kinitx ghadha proprjeta` taghhom. Dan in-negozju mhux projbit billi l-vendituri fil-konvenju ma' Silved Developments kellhom l-aspettativa li fid-data li kellu jaghlaq il-konvenju mal-konvenuti odjerni dik l-art kienet tkun taghhom u b’hekk it-tieni bejgh seta’ jsir.

Ghandu jinghad li f’sitwazzjonijiet simili u cioe` meta persuna tobbliga ruha li tittrasferixxi proprjeta` bil-hsieb li din tkun taghha meta jkun ser jiskadi l-konvenju originali dejjem hemm il-possibilita` li l-ewwel trasferiment ma jsehhx ghal ragunijiet validi bhal per ezempju t-titolu tal-venditur ma jirrizultax b’mod car jew jirrizultaw xi servitujiet li ma jkunux issemmew fuq i-konvenju. Huwa f’dawk il-kazijiet li wiehed jista’ jitkellem fuq riskju u meta jigri hekk l-akkwirent/venditur ma jkunx jista’ jirreklama bhala danni xi telf li jkun sofra minhabba li ma jkunx sehh it-tieni kuntratt. Izda meta, bhal fil-kaz in ezami, l-istess Qorti laqghet l-allegazzjoni ta’ frodi da parti tal-konvenuti meta waslet ghal konkluzjoni li: *“Madankollu ladarba l-atturi ndikaw il-frodi fic-citazzjoni taghhom din trid tigi provata. Il-Qorti taqbel ma’ dak li ndikaw l-atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom illi l-atturi gew indotti fi zball bl-agir suspettuz tal-konvenut meta huwa ddikjara li qed jiffirma anke ghal martu fl-estensjoni tal-konvenju ta’ Mejju 1996. Ghall-atturi l-konvenju kien ghadu haj; fil-frattemp meta wasal iz-zmien li jsir il-kuntratt il-konvenuti helsu minnu b’dan l-agir illi certament sar biex iqarraq bl-atturi*” l-istess principju ma jistax japplika, izjed u izjed meta ma ngiebet ebda prova ohra li l-kuntratt bejn il-kontendenti ma setghax isir ghal xi raguni valida skond il-ligi.  Din il-Qorti

ghalhekk ma tarax 'il ghala l-konvenuti ma ghandhomx jirrispondu, in linea ta' danni, ghat-telf li sofrew l-atturi minhabba l-agir qarrieqi taghhom stess, liema agir frawdolenti wassal biex l-kuntratt ta' trasferiment bejn il-kontendenti ma jsehhx.

L-atturi jghidu li, oltre dak likwidat mill-ewwel Qorti, fl-ewwel lok huma intitolati ghar-rifuzjoni tas-somma li huma kellhom ihallsu lil Silved Developments Ltd bhala kapparra, li skond li skrittura tas-17 ta' Ottubru 2001, jidher li kienet tammonta ghas-somma ta' LM10,000, u fit-tieni lok li jigu kumpensati ghat-telf ta' profitti li setghu ghamlu fin-negozju ta' l-istess art ma' l-istess Silved Developments Ltd. Dan it-telf jikkonsisti fid-differenza bejn il-prezz ta' l-akkwist u l-prezz tal-bejgh, liema somma, skond ir-rikors ta' l-appell tammonta ghall-ghaxart elef lira Maltin (LM10,000) – ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar dan. L-atturi qed jitolbu wkoll l-imghax li huma tilfu fuq dawn is-somom. Naturalment u ghalkemm ma jinghadx minn meta dan l-imghax ghandu jibda jiddekorri, huwa ragionevoli li fuq is-somma ta' LM10,000 li thallset bhala kappara dan l-imghax jibda jiddekorri mid-data li din thallset lil Silved Developments Ltd mentri fuq it-telf ta' profitti mid-data li seta' jigi pubblikat il-kuntratt ma' l-istess Silved Developments Ltd.

Din il-Qorti taqbel li l-atturi ghandhom jigu kumpensati bil-hlas ta' l-ewwel zewg ammonti u cioe` bis-somma addizzjonali ta' LM20,000 izda ghal dak li hu mghax fuq l-ammont imhallas bhala kappara ma jirrizultax meta dan thallas u ghalhekk ebda imghax ma jista' jigi komputat hlief mid-data ta' din is-sentenza. Fir-rigward ta' l-imghax fuq it-telf ta' profitti jigi osservat li din it-talba kienet tinvolvi ammont mhux likwidu u ghalhekk ukoll, ghalkemm ghal raguni differenti, ma ghandux jiddekorri imghax hlief mid-data ta' din is-sentenza billi dawn id-danni qed jigu likwidati illum stess.

**Pagament akkont.**

Hemm disgwid bejn il-kontendenti dwar kif ghandu jigi kunsidrat il-pagament akkont li sar fil-mori tal-kawza u

cioe` jekk il-pagament ta’ LM14,000 li sar mill-konvenut fit-13 ta’ Mejju 2002, ghandux jmur kontra l-imghaxijiet akkumulati, kif qed isostnu l-atturi, jew jekk, kif isostnu l-konvenuti, dan kellu jaqta' parti mill-kapital. Din id-distinzjoni hija ta’ relevanza, mhux biss minhabba l-kwistjoni legali li timporta izda wkoll billi taghmel differenza fis-somma finali li tkun dovuta mill-konvenuti. L-ewwel Qorti, f’dan ir-rigward, irriteniet li dan il-pagament ghandu jinqata' mill-kapital b’dana li l-atturi jkunu intitolati biss ghall-imghax dekors fuq is-somma totali kapitali sa dakinhar tal-pagament tal-LM14,000 kif ukoll imghax ulterjuri fuq is-somma kapitali rimanenti ta’ LM4,000 sad-data tal-hlas effettiv.

L-atturi hassew ruhhom aggravati b’din il-konkluzjoni u in sostenn tas-sottomissjonijiet taghhom jaghmlu referenza ghall-Artikolu 1855 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu johloq presunzjoni li pagament akkont, meta ma jigix indikat mod iehor, jmur ghall-imghaxijiet. Biss dan l-artikolu jipprovdi li din il-presunzjoni ghandha effett kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja.

Issa fil-kaz in ezami, u kif sewwa osservaw il-konvenuti fir-risposta taghhom, jidher car li meta l-attur irceva l-pagament in kwistjoni dan kien hekk qed jircevieh akkont tal-kapital. Tant hu hekk li fl-affidavit ta’ l-attur jinghad hekk: “*Jien kont ghamilt rapport it-taqsima tal-frodi tal-Pulizija kontra Grezzju Briffa. Meta kien ser jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Briffa ghamilli offerta li jhallasni LM14,000 <u>mid-deposit li kont tajtu ghall-art</u> bil-kondizzjoni li ma nkomplix bil-proceduri kriminali. <u>Jien accettajt.</u> Dan tahomli fit-13 ta’ Mejju 2002. <u>Jien accettajt biex ghal menu niehu dawn il-flus</u>.*” Minn din ix-xiehda jidher car x’kienet l-intenzjoni tal-kontendenti u cioe` li l-konvenut kien ser jhallas parti mill-kapital u li l-attur kien qed jaccetta w jircevi dan il-pagament akkont ta' l-istess kapital.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Kalkolazzjoni ta’ l-imghax.**

Finalment qed jigi sottomess mill-atturi appellanti li, anke jekk ghal grazzja ta' l-argument il-pagament akkont ta' LM14,000 ghandu jigi akkreditat ghall-kapital, xorta wahda jidher li l-ewwel Qorti ghamlet komputazzjoni hazina ta' l-ammontar ta' imghax dovut. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet hekk:
*"Minn dawn it-tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) thallsu fil-mori tal-kawza erbatax-il elf Lira Maltin (Lm14,000) ezattament fit-13 ta' Marzu, 2002 (Dok LB2 - fol 125). Pero` l-atturi ghandhom dritt jithallsu l-imghaxijiet fuq dak li hallsu, barra l-bilanc ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Fil-fatt huma hallsu ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) fuq il-konvenju, hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) ohra f'Awissu 1994 u elfejn Lira Maltin (Lm2,000) tlett xhur wara. Elf Lira Maltin (Lm1,000) ohra thallsu fl-1 ta' Lulju, 1995. Sa Marzu 2002 ma sar ebda pagament kwindi l-konvenuti ghandhom ihallsu in linea ta' danni, imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fuq dan il-perjodu (Artikolu 1047 tal-Kodici Civili); u dan jammonta ghal tmint elef, disa' mija, sebgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm8,977.31)."*

L-atturi appellanti jsostni li "*l-imghax fuq is-somma minn meta giet imhallsa lill-konvenuti fuq il-konvenju sakemm giet rifuza lura minnhom (13/03/02) ma jammontax ghal LM8,977.31 pero` ghal LM11,132.93*." U ghalhekk fir-rikors ta' l-appell taghhom l-atturi jikkonkludu li "*Kwindi anke hawnhekk id-danni kkalkolati kellhom ikunu LM11,132.93 + LM4,000 + LM1266.66 = LM16,399.59.*"

Minn kalkoli li ghamlet din il-Qorti jidher li dan l-aggravju huwa gustifikat. Dan ghaliex l-ammont ta' LM8,977.31 likwidat mill-ewwel Qorti ma jirraprezentax l-imghax kollu dovut fuq is-somma kollha ta' LM18,000 li kienet thallset mill-atturi lill-konvenuti komputat sad-data tal-pagament akkont; izda tirraprezenta l-imghax ta' 8% komputat fuq is-somma ta' LM14,000 bejn id-data tal-pagamenti akkont tad-*deposits* li saru mill-atturi sa dakinhar li sar il-pagament f'Marzu, 2002. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li f'dak il-perjodu kellu jigi wkoll komputat imghax fuq is-somma ta' LM4,000 rimanenti. Skond il-kalkoli imsemmija hawn fuq jirrizulta li l-ammont ta' imghax fuq

is-somma totali ta’ LM18,000 mid-data tad-diversi pagamenti sad-data tal-pagament akkont huwa ta’ LM11,073.32. Ghalhekk ghandha tigi riformata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie likwidat l-ammont dovut mill-konvenuti appellati u dana mhux biss billi jigi dikjarat li l-imghax dovut sat-13 ta’ Marzu 2002, jammonta ghal LM11,073.32, izda ukoll billi jigi dikjarat li fuq is-somma ta’ LM4,000 rimanenti dovuta bhala parti mill-kapital ghandu jiddekorri imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) mill-14 ta’ Marzu 2002, sad-data tal-pagament effettiv.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi akkolt billi jirrizulta gustifikat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qieghda tiddisponi mill-appell ta' l-atturi billi tilqghu in parte, u konsegwentement tipprovdi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ewwel zewg decide taghha; tirrevoka t-tielet decide fejn l-ewwel Qorti laqghet it-tielet talba u llikwidat d-danni f'ammont ta' Lm10,243.97, u minflok tipprovdi billi tilqa' l-istess tielet talba attrici u tillikwida d-danni f'ammont ta' €72,381.37 (tnejn u sebghin elf, tlett mija u wiehed u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu) (ekwivalenti ghal Lm31,073.32, rapprezentanti kwantu ghal Lm20,000 telf li ghamlu l-atturi in konnessjoni man-negozju mas-socjeta` Silved Developments Limited, liema negozju ma sehhx tort ta' l-agir frawdolenti tal-konvenuti, u kwantu ghal Lm11,073.32 rapprezentanti imghaxijiet dovuti fuq id-depositu maghmul mill-atturi fl-okkazzjoni ta' l-iffirmar tal-konvenju tas-17 ta' April 1994, u anke sussegwentement, sad-data tal-pagament akkont tal-kapital fl-ammont ta' Lm14,000), bl-imghax legali ta' 8% mil-lum sad-data tal-pagament effettiv; tikkonferma r-raba' decide ta' l-ewwel Qorti; u tirriforma l-hames decide ta' l-istess Qorti billi tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm4,000 (ossija €9,317.49 - disat elef tlett mija u sbatax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu), bhala bilanc tad-depozitu mhallas, izda tordna wkoll li fuq din is-somma l-konvenuti ghandhom ihallsu l-interessi bit-8% b'effett mill-erbatax ta' Marzu elfejn u tnejn (14 ta' Marzu, 2002), sad-data tal-pagament effettiv. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-

bqija u cioe` kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez ta' dik l-istanza kif ukoll fejn l-ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni ta' l-atturi u cahdet il-kontro-talba bl-ispejjez jithallsu wkoll mill-konvenuti.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-kontendenti, kull parti taghha, hlief li d-dritt tar-registru ghandu jigi sopportat u mhallas mill-konvenuti appellati.

Deputat Registratur
Mgc

**QORTI TA' L-APPELL**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**
**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Illum, 20 ta' Jannar, 2009.**

**Citazzjoni numru 1703/01JA**

**Gaetano u Mary konjugi Abdilla u Emanuel u Mansueta konjugi Abdilla**

**vs**

**Lucrezio sive Grazio u Agnes konjugi Briffa**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors konguntiv tal-partijiet tas-7 ta' Mejju, 2008;

Rat ir-risposta konguntiva tal-partijiet tas-16 ta' Dicembru, 2008;

Tilqa' t-talba u tordna li l-ahhar zewg paragrafi tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' April, 2008 jigu sostitwiti bis-segwenti:-

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qieghda tiddisponi mill-appell ta' l-atturi billi tilqghu in parte, u konsegwentement tipprovdi billi tirriforma s-

sentenza appellata billi tikkonferma l-ewwel zewg decide taghha; tirrevoka t-tielet decide fejn l-ewwel Qorti laqghet it-tielet talba u llikwidat id-danni f'ammont ta' LM10,243.97c u minflok tipprovdi billi:

tilqa' l-istess tielet talba attrici u tillikwida d-danni f'ammont ta' €72,381.37c [tnejn u sebghin elf tlett mija u wiehed u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (ekwivalenti ghal LM31,073.32c] rapprezentanti kwantu ghal LM20,000 li ghamlu l-atturi in konessjoni man-negozju mas-socjeta` Silved Developments Limited, liema negozju ma sehhx tort ta' l-agir frawdolenti tal-konvenuti, u kwantu ghal LM11,073.32c rapprezentanti imghaxijiet dovuti fuq id-depozitu maghmul mill-atturi fl-okkazjoni ta' l-iffirmar tal-konvenju tas-17 ta' April 1994, u anke sussegwentement, sad-data tal-pagament akkont tal-kapital fl-ammont ta' LM14,000). Stante li jirrizulta illi fil-mori ta' dan l-appell il-konvenuti effettwaw pagament fl-1 ta' Lulju 2007 fl-ammont ta' €33,077, il-bilanc dovut ai fini tat-tielet talba huwa fis-somma ta' €39,304.37c [disgha u tletin elf, tliet mija u erbgha u sebgha u tletin centezmu] bl-imghax legali ta' 8% mil-lum sad-data tal-pagament effettiv;

tikkonferma r-raba' decide ta' l-Ewwel Qorti; u

tirriforma l-hames decide ta' l-istess Qorti billi tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' LM4,000 (ossija €9,317.49 – disat elef tlett mija u sbatax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu] bhala bilanc tad-depozitu mhallas, izda tordna wkoll li fuq din is-somma l-konvenuti ghandhom ihallsu l-interessi bit-8% b'effett mill-14 ta' Marzu elfejn u tnejn [2002] sad-data tal-pagament effettiv.

Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija u cioe' kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez ta' dik l-istanza kif ukoll fejn l-ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni ta' l-atturi u cahdet il-kontro-talba bl-ispejjez jithallsu wkoll mill-konvenuti.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-kontendenti, kull parti taghha, hlief li d-dritt

tar-registru jigi sopportat u mhallas mill-konvenuti appellati."

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------